**10 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Sapienz Ellul

## Nuqqas ta' Indikazzjoni tal-Artikoli tal-Liġi Skond l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali - Nuqqas ta' Formalità Sostanzjali - Kontenut taċ-Ċitazzjoni

*In-nuqqas ta' indikazzjoni fis-sentenza appellata ta' l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat li tiegħu l-appellant ġie misjub ħati jammonta għal nuqqas ta' formalità sostanzjali li jwassal għan-nullità tas-sentenza. Tali nullità hi sollevabbli mill-Qorti "ex officio".*

*Għalkemm hu minnu li ċ-ċitazzjoni hi sempliċi "avviso a comparire" hu daqstant ukoll minnu li l-akkużi jew imputazzjonijiet miġjuba f'tali ċitazzjoni għandhom ikunu redatti b'mod ċar li ma joħloqx kumplikazzjonijiet inutili. Il-fatt li l-appellant ma jilmentax minn tali konfużjoni ma jfissirx li l-Qorti, li fuqha jinkombi l-obbligu li tassigura r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, għandha tħalli dawn l-affarijiet għaddejjin qisu ma ġara xejn, b'akkużi redatti b'mod impreċiż, stramb jew addirittura ingarbuljat.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Sapienz Ellul talli fit-13 ta' Jannar, 1994 għall-ħabta tat-3.00 p.m. ġewwa Triq il-Biżantini, Qrendi (1) kiser il-mistrieħ u l-*buon ordni* pubblika

b'għajat, storbju jew b'mod ieħor; (2) ipprova jħebb jew juża forza attiva fuq il-persuna ta' Joseph Gauci bħala persuna inkarigata skond il-liġi mis-servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu; (3) fixkel lill-istess Joseph Gauci mill-qadi ta' dmiru; (4) hedded lill-istess Joseph Gauci bil-kliem "jekk tersaq lejn id-dar tiegħi noqtlok"; u (5) barra minn dan immalafama bil-kliem lill-istess Joseph Gauci. Il-Qorti kienet mitluba li tapplika l-artikolu 383 (1) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-13 ta' April, 1994 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Sapienz Ellul ħati ta' l-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u "wara li rat l-Artikolu 383 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali" ikkundannatu għal multa ta' ħamsin lira (Lm50) "u għal garanzija personali ta' Lm50";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Sapienz Ellul minnu ppresentat fit-18 ta' April, 1994 li fih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata jew alternattivament tibdilha kwantu għall-piena inflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn jiġi rrilevat li fis-seduta tas-6 ta' Ġunju, 1994 quddiem dina l-Qorti kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Ġenerali qablu li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija nulla peress li ma hemmx fiha ċċitati l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw id-diversi reati li tagħhom l-istess appellant instab ħati, u dana bi ksur ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali; u għalhekk l-istess

partijiet qablu li din il-Qorti għandha tipproċedi skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 ta' l-istess Kodiċi. Din il-Qorti tosserva li anke li kieku l-partijiet ma qablux hekk, tali nullità li dejjem ġiet ritenuta bħala waħda sostanzjali, hija sollevabbli mill-Qorti *ex officio*. Għallhekk dina l-Qorti qiegħda tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-13 ta' April, 1994 fl-ismijiet premessi u tipproċedi biex tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid fuq il-mertu;

Qabel tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu tal-kawża, dina l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-mod xejn feliċi li bih ġew redatti l-imputazzjonijiet ikkontenuti fiċ-ċitazzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva. Din, sfortunatament, mhix l-ewwel darba li din il-Qorti, kif presjeduta, qed tara imputazzjonijiet redatti b'mod li jagħtu wieħed x'jifhem li minn irrediġihom, flok ma ħares lejn id-dispożizzjoni tal-liġi kif tinsab fil-Kodiċi Kriminali jew f'xi liġi oħra, straħ fuq il-memorja evidentement batuta tiegħu, u ħarbex kelmtejn li jirrispekkjaw xi mindaqqiet biss vagament ir-reati li presumibbilment kellu f'moħħu. Hekk per eżempju, fil-każ odjern, il-Qorti ma tifhimx għala l-ewwel akkuża, li hi evidentement l-akkuża tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodiċi Kriminali, tiġi imfassla fil-kliem "ksirt il-mistrieħ u l-bon ordni pubblika b'għajat, storbju jew b'mod ieħor" b'mod li tista' tagħti lok għal konfużjoni mal-paragrafu (m) ta' l-imsemmi artikolu. It-tieni akkuża kif formulata tidher li hi xi forma ta' konnubju infeliċi bejn ir-reati kkontemplati fl-artikoli 95, 96 u 339 (1) (d) tal-Kodiċi Kriminali. In fatti din il-Qorti ser ikollha tinjora kompletament din l-akkuża *stante* li ma tinkwadra f'ebda waħda minn dawna r-reati ħlief b'ħafna tiġbid minn hawn u minn hemm li din il-Qorti mhix ippreparata li tagħmel. Il-ħames akkuża tista' tiftiehem jew bħala akkuża ta' delitt ta' inġurja verbali (Art. 252 (2)) jew bħala akkuża tal-kontravvenzjoni kkontenuta fl-artikolu 339 (1) (e). Din il-Qorti mingħajr eżitazzjoni ser

tikkonsidra d-dispożizzjoni l-aktar benefika għall-appellant. Hu minnu li ċ-ċitazzjoni hija sempliċi "*avviso a comparire*", però hu daqstant ukoll minnu li l-akkużi jew imputazzjonijiet miġjuba f'tali ċitazzjoni għandhom ikunu redatti b'mod ċar li ma joħloqx komplikazzjonijiet inutili. Il-fatt li l-appellant mhux jilmenta minn tali konfużjoni ma jfissirx li din il-Qorti - li wara kollox fuqha jinkombi l-obbligu li tassigura r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja - għandha tħalli dawn l-affarijiet għaddejjin qisu ma ġara xejn, b'akkużi redatti b'mod impreċiż, stramb jew addirittura ingarbuljat;

Wara li semgħet il-provi kollha, din il-Qorti ssib li l-ewwel, it-tielet u l-ħames akkużi, kif aktar 'il fuq (fil-bidu ta' din is-sentenza) riportati, jirriżultaw ippruvati. Ir-raba' akkuża ma tirriżultax ippruvata għax il-kliem ta' theddid li Ellul indirizza lil Gauci ma kienx dak indikat fiċ-ċitazzjoni iżda kliem ieħor. Il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant meta jirritjeni li t-tielet akkuża ma tistax tirriżulta għax l-inċident ġara wara li Gauci kien diġà għamel l-ispezzjoni tal-vit ta' l-ilma. Id-dmir ta' Gauci ma kienx biss li jara jekk kienx hemm jew le ilma fil-vit iżda li anke jkellem lil min kien responsabbli ta' dak il-vit biex jara kif reġa' ġie l-ilma kif ukoll li liberament u mingħajr xkiel jirraporta s-sejba tiegħu. Ellul ma ħalliex lil Gauci jagħmel dana liberament, u għalhekk tikkonfigura l-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 338 (ee) tal-Kodiċi Kriminali;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lil Sapienz Ellul ħati talli fit-13 ta' Jannar, 1994 għall-ħabta tat-3.00 p.m., ġewwa triq il-Biżantini, Qrendi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, fixkel lil Joseph Gauci, persuna inkarigata minn servizz pubbliku, fil-qadi ta' dmiru, kif ukoll li mmalafama bi kliem lill-istess Joseph Gauci, u tilliberah mill-akkużi l-oħra, u

wara li rat l-artikoli 338 (dd) (ee), 339 (1) (e), 13 u 17 (c) tal-Kodiċi Kriminali u ħadet in konsiderazzjoni l-apoloġija li l-istess Ellul għamel lil Gauci kif jirriżulta mill-verbal tas-6 ta' Ġunju, 1994, tikkundanna lill-imsemmi Sapienz Ellul għal ammenda ta' għoxrin lira (Lm20) għal kull waħda mit-tlett kontravvenzjonijiet li tagħhom qed jinstab ħati, u għalhekk għall-total ta' sittin lira (Lm60) ammenda; u peress li din il-Qorti jidhrilha hekk xieraq li jsir, sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-persuna ta' Joseph Gauci, wara li rat l-Artikoli 383, 386 u 525 (2) tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda torbot lill-imsemmi Sapiez Ellul b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' mitt lira (Lm100) u għall-perijodu ta' tnax-il xahar mil-lum li ma jkellimx u b'ebda mod ma jimmolesta lill-imsemmi Joseph Gauci u, skond l-artikolu 384 imsemmi, il-Qorti tordna li din l-obbligazzjoni ssir bil-miktub bil-forma kif hawn annessa ma' din is-sentenza;

U peress li dina hija t-tielet sentenza li din l-Qorti annullat illum minħabba *non osservanza* tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi minnufih miġjuba a konjizzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti;

Tordna ukoll li kopja ta' din is-sentenza tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u dana minħabba dak li ntqal dwar il-mod kif ġew redatti l-akkużi fiċ-ċitazzjoni f'din il-kawża.